# XITA

*Ta'* C. Cassar

Nieżla b'dilluvju tfaqqa' fuq id-dinja
Tgħarraq l-għelieqi, tbaqbaq fit-triqat,
U tħott mill-ġdid ħidmiet il-bniedem kburi
Taħbat ma' l-iġbla, mal-widien, mal-blat
Xita ta' ilma.

B'toqol ta' ktajjen imxekklin ma' ruħu
F'regħba bla xaba' u jasar mingħajr tama,
Imċaħħad mill-ħtiġiet li jħennu u jtuqu
Irekken l-għani, ġo moħbiet mudlama
Xita ta' għana.

Imrobbi fl-għera, sa mill-ġuf marradi
Xbieha ta' wiċċu sitt ulied musfara,
Jibki twelidu, jidgħi xortih kiefra
Mal-għaks l-imsejken jara biss fis-sahra
Xita ta' dwejjaq.

Halliem tas-sbejjaħ, mal-ħolqien jitgħarras
Igħanni fil-beraħ il-għanjiet safjin,
Iklu l-imħabba, jisker fi twemminu
Iħoss Poeta mis-smewwiet neżlin
Xita ta' versi.

Meta fis-sema id-dellijiet inferxu
W-inqered l-għani, u l-imsejken strieħ
U l-għanja wħidha tal-Poeta minsi
Baqgħet tinstema' mat-tnehid tar-riħ;
Siktet ix-xita.